MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Kriminali Numru. 343/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. A. Mamo)**
**Vs**
**Tonio Ciantar**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant u persuna ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :
Appropjaw ruhom billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilhom, fil-kapacita' taghhom bhala diretturi tal-kumpanija Chains Enterprises Limited, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew isir uzu minnha specifikat u cioe' appropjaw ruhom minn flejjes migbura bhala VAT mill-kumpanija Chains Enterprises

Limited, liema flejjes jammontaw ghas-somma ta’ aktar minn LM7,000, liema flejjes jappartjenu lil Gvern ta’ Malta w persuni ohra, w li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, dan bi ksur ta’ l-artikolu 293 u 294 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Settembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 293, 294, 28A, 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni tal-appellant, sabitu hati w ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, ai termini ta’ l-artikolu 28H, harget ordni ta’ restrizzjoni kontra l-appellant li ghandu jirrifondi lid-Dipartiment tal-VAT is-somma ta’ elfejn u hames mitt Euro (€2500) bilanc ta’ somma akbar li l-appellant ghadu ma hallasx lill-istess Dipartiment u dana f’sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-29 ta’ Settembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w tirrinvija l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) biex din tissokta bis-smiegh tal-proceduri skond il-ligi, w f’kull kaz huwa talab illi jigi lliberat minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’ :-

1. id-dritt ghall-assistenza ta’ Avukat difensur waqt l-interrogatorju fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija;
2. il-ksur tad-drittijiet tad-difiza waqt il-proceduri gudizzjarji, meta gew mitluba jghidu jekk humiex qeghdin jammettu l-akkuza, fl-assenza ta’ l-Avukat difensur taghhom;

3. il-ksur tad-drittijiet tad-difiza stante li l-verbal tal-Qorti rregistrat fl-assenza taghhom fl-udjenza tad-19 ta' Gunju, 2007 qatt ma gie nnotifikat lill-imputati jew lid-difiza;
4. il-ksur tad-drittijiet tad-difiza stante li n-Nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-Ufficjal Prosekutur, is-Supratendent Alexandra Mamo, ma giet qatt innotifikata lid-difiza, w dan meta skond l-ordni tal-Qorti tali Nota kellha tigi pprezentata bil-visto tad-difiza;
5. il-ksur tad-drittijiet tad-difiza stante li wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2007, il-kawza kompliet tigi differita ghal madwar 10 darbiet ohra, biex imbaghad fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2009, inaspettatament, il-Qorti pprocediet fl-assenza ta' l-Avukat difensur, fir-rigward tal-verbal ta' ammissjoni w l-eventwali sentenza.

Rat il-verbal li bih Dr. Nadine Sant ghall-prosekuzzjoni eccepiet in-nullita' tar-rikors tal-appell billi l-appellant ma talabx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w lanqas ma ta l-garanzija skond il-ligi.

Rat illi l-Qorti, bla pregudizzju ghal din l-eccezzjoni tal-Avukat Generali, ordnat lill-partijiet jittrattaw dwar il-mertu tal-appell biex umbaghad tinghata sentenza wahda.

Semghet it-trattazzjoni sia' dwar l-eccezzjoni tan-nullita' tar-rikors tal-appell u sia' dwar il-mertu.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm il-ligi tghid li biex wiehed jappella jrid jitlob u jaqla' mill-Qorti Inferjuri s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza w anki jaghti l-garanzija idonea li tigi mposta mill-Ewwel Qorti biex huwa jidher ghall-atti kollha tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Appell, hemm gurisprudenza kostanti li tghid li tali talba ma hiex mehtiega f'certi kazijiet u senjatament meta s-sentenza appellata tkun biss erogat sentenza ta' prigunerija sospiza w xejn aktar, kif inhu f'dan il-kaz.

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tistax tilqa' l-pregudizzjali tal-Avukat Generali tan-nullita' tar-rikors tal-appell u ghalhekk issa ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu.

Ikkonsidrat

Illi mill-ezami tal-atti tal-kawza quddiem l-Ewwel Qorti jirrizulta illi fid-19 ta' Gunju, 2007 (fol. 140), fl-assenza tal-appellant, li ghalih il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat (presumibbilment t'arrest), il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakulta' li l-prosekuzzjoni tipprezenta nota t'osservazzjonijiet sal-15 ta' Lulju, 2007 bil-visto tal-kontro parti li kellha sal-15 t'Awissu, 2007 (presumibbilment biex taghmel risposta) u ghas-sentenza *in difetto ostacolo* ghall-25 ta' Settembru, 2007.

Jidher illi din in-nota ma saritx fit-terminu koncess mill-Ewwel Qorti izda giet prezentata biss fit-3 ta' Settembru, 2007 minghajr il-visto tal-kontro parti u m'hemmx xejn fl-atti li jindika li din in-nota giet b'xi mod notifikata lill-appellant jew lid-difensur tieghu jew lit-tnejn.

Peress illi fl-20 ta' Setembru, 2007 l-appellant ipprezenta rikors biex jghid li se jkun imsiefer fid-data tal-25 ta' Settembru, 2007, fuq xoghol urgenti, l-Qorti kienet laqghet din it-talba w kkoncediet differiment, ghalkemm mhux car, ghal meta kien id-differiment u fil-fatt fil-25 ta' Settembru, 2007 hemm verbal li jghid li l-kawza giet differita ghat-3 ta' Dicembru, 2007 u gie ordnat komunika ta' dan il-verbal lis-Supratendent Alexandra Mamo.

Fit-3 ta' Dicembru, 2007 deher l-appellant Tonio Ciantar li nforma l-Qorti li kienu qed isiru pagamenti lid-Dipartiment tal-VAT u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Frar, 2008 ghas-sentenza bl-imputat notifikat fl-Awla.

Fis-27 ta' Frar, 2008 ma deher hadd u l-kawza giet differita ghall-20 ta' Mejju, 2008.

Fl-20 ta' Mejju, 2008 deheru l-appellant u l-ko imputat u l-kawza regghet giet differita ghall-21 ta' Lulju, 2008 ghas-

sentenza meta l-kawza regghet giet differita ghat-30 t'Ottubru, 2008 ghax ma deher hadd.

Fit-30 t'Ottubru, 2008 ma dehritx l-Ispettur Mamo w gie verbalizzat li l-imputati ma kienux notifikati w l-kawza giet differita ghat-2 ta' Frar, 2009.

Fid-19 ta' Frar, 2009 il-kawza giet differita ghas-sentenza bla ma jirrizulta min deher dak inhar.

Fis-26 ta' Marzu, 2009 il-kawza giet differita ghat-28 ta' Mejju, 2009 minhabba indisposizzjoni tal-Magistrat sedenti bla ma ntqal l-oggett tad-differiment.

Fit-28 ta' Mejju, 2009 deher biss Paul Scicluna tad-Dipartiment tal-VAT u l-kawza regghet giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Settembru, 2009.

Fis-16 ta' Settembru, 2009 deher is-Supratendent D'Anastasi w l-imputati li ddikjaraw li jonqoshom ihallsu elfejn u hames mitt Ewro lid-Dipartiment tal-VAT u li kienu lest li jhallsu dan l-ammont kif diga' ghamlu qabel.

Ma jirrizultax li dak inhar l-imputati kienu assistiti minn xi Avukat. Hawnhekk gie verbalizzat li l-imputati ammettew l-akkuzi migjuba kontra taghhom. Il-Qorti tathom zmien ghar-ripensament, u wara li ghadda dan iz-zmien, il-Qorti ddecidiet il-kawza.

Din il-Qorti ghaddiet in rassenja dawn id-diversi verbali tal-udjenzi biex turi li z-zewg aggravji kontenuti fir-rikors tal-appell jidhru fondati bhala fatt fis-sens illi n-nota tal-prosekuzzjoni li gietipprezentata tardivament bla visto tal-kontro parti ma jirrizultax li giet qatt notifikata lil-appellant u sekondarjament li meta l-appellanti ammettew, kienu sprovvisti mill-assistenza ta' Avukat.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel aggravju jidher pjenament gustifikat fis-sens illi l-Ewwel Qorti ma kellix tghaddi ghas-sentenza qabel ma taccerta ruhha li l-appellant kien gie notifikat bin-nota ta' osservazzjonijiet tal-prosekuzzjoni kif *del resto* ordnat li kellu jsir hija stess fil-verbal fuq citat u

dan jimporta difett serju procedurali li wahdu jista' jwassal ghan-nullita' tal-proceduri w tas-sentenza appellata konsegwenzjali.

Pero' mhux biss, ghax umbaghad minkejja illi l-Ewwel Qorti kienet *ben consapevoli* li l-appellanti kienu rapprezentati mill-Avukat Chris Borg kif jirrizulta mir-rikors (a fol. 156 tal-process) ipprocediet billi tikkonsidra l-ammissjoni tal-istess appellant fl-assenza ta' dan id-difensur tieghu.  Anki hawn il-Qorti qed tirravviza nuqqas procedurali li seta' kellu effett pregudizzjarju fuq id-drittijiet processwali tal-appellant billi ma lahaqx ikkonsulta lid-difensur tieghu qabel ma ammetta fid-data meta nghatat is-sentenza.  Forsi kien ikun ahjar kieku l-Ewwel Qorti, wara li l-appellanti rregistraw l-ammissjoni, ddifferiet il-kawza ghall-inqas ghal darba wahda, wara ruxxmata differimenti li kienu saru bla bzonn precedentement, biex tara jekk id-difiza kellhix tghid xi haga qabel ma l-kawza tigi deciza.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti tqis li dawn in-nuqqasijiet kemm separatament kif ukoll kumultivament jammontaw ghal difett serju procedurali illi jwassal ghan-nullita' tal-proceduri kif ukoll ghas-sentenza appellata li segwiethom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi, prevja c-cahda tal-eccezzjoni tal-Avukat Generali tan-nullita' tar-rikors tal-appell, tiddikjara l-proceduri w is-sentenza appellata nulli w bla effett u, biex ma tipprivax lill-appellant mill-beneficcju tad-*doppio esame,* terga' tirrinvija l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex il-kawza terga' tigi trattata w deciza mill-gdid mill-istadju wara l-prezentata tan-nota tal-osservazzjonijiet tat-3 ta' Settembru, 2007 il-quddiem, b'dana wkoll pero' li jekk fl-ewwel appuntament li jerga' jigi ffissat mill-Ewwel Qorti ma jidhrux l-appellant u l-ko imputat u l-Avukat taghhom jew xi wiehed minnhom, il-Qorti ma tkunx qed tonqos jekk tghaddi ghas-sentenza jew dak inhar stess jew inkella fl-ewwel differiment wara dak l-ewwel appuntament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------